-

30 ta’ Marzu 2010

Ref. 5/194/04

**Minuti tal-Laqgha Nru. 37**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tnejn 29 ta’ Marzu 2010, Paola. Il-laqgha bdiet fis-5.30pm. Ghall-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, u il-Vici Sindku Borg, l-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsilliera Ebejer, l-Kunsillier Borg Myatt kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ippressjeda din il-Laqgha.

**1) Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-laqgha Nru. 36**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

Is-Sindku ghada mozzjoni biex jinbidel l-ordni tax-xoghol ta’ l-Agenda. Il-Membri tal-kunsill approvaw.

**2) Patching Rotta Paola**

2.1 - Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-kunsill il-patching li ser issir fir-rotta li ser jghaddi il-Papa Biex jigi approvat l-ammont ta' €25,000.00 li €9,000.00 ser jigu mill-Gvern u ser ikun varjazzjoni fuq it-Tender ta' Triq l-Arkata. Is-Segretarju gibed l-attenzjoni li m' ahniex kopertti bil-Ligi. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**3) Hawkers tal-Gimgha l-Kbira**

3.1 - Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda ittra mill-Kappillan biex jitressqu il-bejjiegha tal-Hobz u karameli minn faccata tal-knisja minhaba li gejjien tat-TVM biex jifilmjaw il-Gimgha l-Kbira. Wara diskussjoni il-kunsill iddecieda li ghandhom jarmaw mil-hanut tal-Vodafone l-isfel.

**9) Green MT jew Green Pak**

9.1 - Is-Sindku qal li wara li kellu diskussjonjiet ma zewg kumpaniji li jridu jibdew jirriciklaw iz-zibel u l-parir tieghu hu li l-ahjar proposta offruta kienet dik tal-Kumpanija Green MT. Il-membri tal-Kunsill qablu li jekk il-kuntrattur Green MT ma jimxiex mar-regoli u l-Kundizzjonijiet kollha jitwaqqaf mil-Kuntratt.

**14) Aggornament**

14.1 - Is-Sindku qal li laqgha li jmiss ser tigi aggornata 13 t' April 2010 u laqghat tal-Kunsill ser jibdew jinzammu kull tieni gimgha tax-xahar fejn ikun possibli.

**12) Kumitat Finanzi**

12.1 - Is-Sindku qal li din item ser tigi diskussa fl-laqgha ohra.

12.2 - Il-Kunsilliera Ebejer dahlet ghal laqgha fis-6.00pm

**4) Gemellag Paola**

4.1 - Is-Sindku ikkonferma li d-delegazzjoni li ser titlgha Paola Italia giet ikkonfermata u qara in-nies li ser jitilghu. Il-Kunsillier Dalli talab lis-Sindku biex jaghmel laqgha fil-15 t'April 2010 ma dawn in-nies halli kullhadd jkun jaf id-dettalji tal-progamm u l-affarijiet ohra li ghandhom igibu maghhom.

4.2 - Il-Kunsillier Dalli qal li ghal gemellag ghandna niehdu u rigali specjali li jappartjenu il-Lokalita taghna ezempju xi oggett maghmul mill-Pottery li fih xi sinifikat ta' Paola.

4.3 - Il-Kunsillier Seychell qal li ghandna nixtru ukoll bagdes tal-pavru komemorattivi ghal okkazzjoni.

**5) Patt ta' Hbiberija ma Calcinaia**

5.1 - Is-Segretarju qal li ircieva telefonata mill-Kunsill ta' Calcicani biex nergghu nirrijattivaw il-patt ta' hbiberija li kellna. Huma stiednu xi membri tal-kunsill ghal festa ta' St Ubaldeska li tigi ghas- 27-29 ta' Mejju 2010 biex jsiru diskussjonjiet godda.

5.2 - Is-Sindku issugerixxa li jitilghu zewg membri mill-Kunsill li huma hu s-Sindku u l-Kunsillier Lynch minhabba li kunsill precedenti kellhu tahdidiet maghhom. Il-Membri tal-kunsill approvaw.

5.3 - Il-Kunsillier Dalli qal li min tielgha ghandu jiftah kuntatt ukoll ma' Kunsillli ohra bhal ta' Spanja biex naghmlu patt ta' Hbiberija maghhom minhabba li iktar ma jkollna minn dawn il-gemelaggi aktar jghinunha ghal progetti tal-EU.

5.4 - Il-Kunsillier Lynch issugerixxa li jinxtara rigal sabih ukoll tal-pottery biex jinghata lill-dawn il-Loklaitajiet li sejrin jiltaqghu maghhom. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

**<u>7) Progett Restawr St Ubaldeska</u>**

7.1 - Il-Kunsillier Dalli talab permess tal-Kunsill biex japplika ghal progett tal-ERDF Funds biex nirrangaw il-kappella ta' ST Ubaldeska. Is-Segretarju talab permess biex jkun jista jiffirma letter of Intent bi shab mal-kappillan biex japplikaw ghal dawn il-fondi. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

7.2 - Is-Segretarju qal li ghar-restawr ta' din il-kappella ser tidhol il-Fondazzjoni Wirt Paola biex is-shelter jinfetah ukoll mall-knisja. Huwa Issugerixxa li mod urgenti tidhol partner il-Knisja biex nibdew nohorgu tenders ghal Project Architect ghal Konservazzjoni u restawr tal-Kinsja u anki ghal EU Project co-ordinator ghal perijodu ta' tlett snin. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

7.3 - Il-Kunsillier Dalli issugerixxa li naghmlu power point presentation professjonali fuq il-progett tal-Kappella ta' St Ubaldeska li ma taqbizx is-somma €500.00 biex tintuza biex tintuza bhala pubblicita f' dan il-progett.

**<u>8) Progetti EU</u>**

8.1 - Il-Kunsillier Dalli qal fuq il-progetti mal-EU ghandna qeghdin nahdmu fuqhom komplejna ndahlu aktar bhal Gonna ta' Cimiterju, il-Gonna kollha ta' Paola , Youth in Action Project, Progett ta' Calcinetta ma l-MCAST.

**<u>13) Pagamenti</u>**

13.1 - Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda lista ta' pagamenti biex jigu approvati ghal ammont ta' €61, 728.00. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

13.2 - Is-Segretarju fakar lill-Kunsill li kuntratti tal-Hasil Tas-suq, Bulky Refuse u Maintanance of Soft Areas ghal f' Marzu. Is-Sindku qali ghandhom jitlighqu fl-laqgha ohra.

**<u>2) Korrispondenza</u>**

**<u>2.1 - Ittra mill-Kappillan ta' Lourdes</u>** qieghed jitlob permess biex jithaffru tliet toqob biex fihom jitwahhlu arbli ghal met l-Papa jghaddi minn Paola. Il-Membri tal-Kunsill approvaw li jinghata permess biex jhaffru t-toqob tal-arbli.

**2.2 – Ittra mill-Girl Guides** biex il-Kunsill joffrilhom is-servizz ta' WIFI biex jkun jistghu jahdmu fuq progett li ghandhom. Il-membri tal-kunsill approvaw

**2.3 – Ittra Resident f'Zabbar RD** dan jixtieq li titneha ghatba fuq il-bankina ta' Zabbar Rd c/w Mater Boni Consiglii. Il-membri tal-kunsill hadu nota ta' dan l-ilment.

**2.4 – Memo 33** Applikazzjoni biex naghmlu uzu mill-Energija efficjenti. Is-Segretaju qal li l-Kunsill ser japplika photovolatic panels fuq il-bejt tal-Kunsill li progett jigi madwa €10,000.00 Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

**2.5 - Ittra minn Fogg Insurance** fuq il-kaz tal-Kunsill kontra l-Water Service Corporation biex jinfurmawna minn ser ikun l-Avvukati ta dan il-Kaz. Il-membri tal-Kunsill innotaw dan.

**2.6 – Mandatt tal-Qorti** Biex jinfurmawna li gie irrilaxxat il-mandat fil-kaz ta' l-Avukat Dr Sammut fuq il-kaz tat-Tribunal Lokali Zejtun. Il-membri tal-Kunsill innotaw dan.

**2.7 – Ittra mil-Awtorita dwar il-Komunikazzjoni** biex tibda tipprepara in-nies ghal swicth over ghas-sisitema digitali ghalhekk tixtieq tiltaqa mal-Kunsill. Is-Sindku qal li ghandu jifthiem data ghal laqgha maghhom.

**2.8 – Operational Programm Italja Malta** – Informazzjoni fuq kif ser jitqassmu il-fondi mill-Programm tal-ERDF funds li applikajna ghalih. Il-Kunsillier Dalii qal li ser jiehu hsiebha hu din l-ittra.

**2.9 – Ittra mill-Awtorita dwar it-Transport** biex jinfurmawna li approvaw il-One-Ways ta' Triq Tramuntana u Triq St Ubaldeska. Il-membri tal-Kunsill innotaw dan.

**2.10 – Ittra mil-Aukati Azzopardi & Busietta** fuq il-kaz li inqala bejn il-bejjiegha tal-fjuri fil-Parking Area tac-Cimiterju . Dan il-kaz ser jsegwih is-Sindku.

**2.11 – Ittra mill-Kunsillier Duncan Borg Myatt** fuq il-Laqgha li ser issir illum u li hu ma jistax jattendi ghaliha minhabba li jkun xoghol fl-istess hin ghalhekk ser jirraport lid-Dipartiment kif qeghdin issiru dawn il-laqghat. Il-membri tal-Kunsill innotaw dan.

Il-Laqgha giet maghluqa fis-6.00 pm.

Approvati Illum ___________

| | |
|---|---|
| ___________ | _______________ |
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |